Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 1257/2008/1

**Geranzio Azzopardi**

**v.**

**Carmelo u Maria konjugi Bezzina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturipprezentat fit-18 ta' Dicembru 2008 u li jaqra hekk:

"Illi bi skrittura privata tat-18 ta' Marzu 2003 (DOK A) l-partijiet kienu ftehmu li l-intimat jixtri u jhallas ghal truck bin-numru ta' registrazzjoni KAA 934 ;


Qrati tal-Gustizzja

“Illi fit-18 ta’ Marzu 2006 (DOK B) l-intimat kien hallas l-imghaxijiet sat-18 ta’ Marzu 2005 u barra minhekk l-intimat ilu zmien jikkonferma verbalment mar-rikorrenti li jixtieq jhallas id-debitu ;

“Illi sal-lum il-kapital ta’ ghoxrin elf disa’ mija u sebghin Euro (€20970) ekwivalenti ghal disat elef lira Maltin (Lm 9,000) ghadhom pendenti favur ir-rikorrenti ;

“Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti :

“1. jigi kundannat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ ghoxrin elf, disa’ mija u sebghin Euro (€20970) ekwivalenti ghal disat elef lira Maltin (Lm 9000) dovuta kif fuq inghad oltre l-imghax legali mid-19 ta’ Marzu 2005 ;

“Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ Novembru 2008 kontra l-intimat.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta’ l-artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

“2. Illi preliminarjament ukoll, in-nullita’ tar-rikors guramentat peress illi ghalkemm l-attur huwa mizzewweg il-mara tieghu ma hijiex attrici flimkien mieghu f’din il-kawza ;

“3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur ma onorax l-obbligu tieghu taht l-iskrittura tat-18 ta’ Marzu 2003 illi jaghmel it-transfer tal-vettura u ghalhekk inademplendi non est ademplendum u konsegwentement l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur ;

“4. Illi fil-mertu wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u

l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur peress illi l-bejgh in kwistjoni huwa null peress illi l-attur kien qieghed ibiegh hwejjeg illi jappartjenu lil haddiehor u dan skond ma jiddisponi l-artikolu 1372 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

"5. Illi in ogni kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur stante illi in ogni kaz il-vettura in kwistjoni llum giet distrutta minhabba hruq u ghalhekk mhuwiex possibbli, anqas kieku jrid, illi l-attur jonora l-obbligu li naqas li jonora ;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata nhar id-19 ta' Novembru 2008 u bl-ingunzjoni ta' l-attur in subizzjoni."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"... ... filwaqt li Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' r-raba' eccezzjoni, Tiddikjara null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-bejgh tal-vettura mertu ta' din il-kawza, u ghalhekk Tichad it-talba tal-attur, bl-ispejjez jibqghu intierament a kariku tal-attur."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"I. Il-provi tal-attur kienu dawn -

"1) Mhux kontestat bhala fatt mill-konvenut li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet regolata bil-pattijiet u kondizzjonijiet tal-iskrittura datata 18 ta' Marzu 2003 li kopja ffirmata u manoskritta tinsab esebita a fol 4 waqt li kopja traskritta tinsab esebita bhala DOK B a fol 3 tal-process.

"2) Fuq il-manoskritt tirrizulta biss il-firma ta' l-konvenut (mhux ta' martu) oltre dik tal-attur. Fuq dik li tidher bhala ricevuta a fol 5, u li hija datata 18 ta' Marzu

2006, ma hemmx il-firma tal-attur izda l-firma ta' l-konvenuta Maria Bezzina.

"3) L-attur xehed li l-konvenuti baqghu ma hallsu xejn mill-bilanc tal-prezz tal-vettura de qua fl-ammont ta' Lm 9000 ekwivalenti ghal €20,970, hallsu biss is-somma ta' Lm 720 bhala imghax ta' 8% ghas-sena ta' bejn it-18 ta' Marzu 2004 u t-18 ta' Marzu 2005, u fadal ihallsu oltre l-kapital l-imghax ta' 8% fis-sena fuq Lm 9000 b'effett mit-18 ta' Marzu 2005 sal-lum – dan kollu a tenur tal-iskrittura tat-18 ta' Marzu 2003.

"4) Fl-affidavit tieghu a fol 76 tal-process, l-attur ighid li l-vettura in kwistjoni li ggib in-Nru. KAA 934 kienet scammel jew trakk li jintuza fil-gbir tal-iskart domestiku. Hu kien akkwista l-vettura minghand Guzi Zammit pero' t-transfer kien ghadu ma sarx. Il-konvenut Carmelo Bezzina mhux biss xtara l-vettura izda anke x-xoghol li kien marbut maghha. Fil-fatt il-kuntratti ezistenti daru minn fuq isem l-attur ghal fuq il-konvenut. Ghalkemm il-konvenut accetta li kellu jhallas baqa' xorta ma hallas xejn. Il-konvenut qatt ma nnega li kien debitur tal-attur. Maria Bezzina li tigi mart il-konvenut kienet taf bin-negozju li sar bejn l-attur u zewgha l-konvenut.

"II. Il-provi tal-konvenuti kienu dawn -

"1) Skond DOK BF1 a fol 38 tal-process, il-vettura in kwistjoni kienet registrata f'isem Waste Care Ent Ltd. L-ahhar licenzja valida li thallset kienet dik li kienet twassal sat-30 ta' Novembru 2002.

"2) Permezz ta' ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 2008 (Dok CB1 – fol 40), l-attur talab lill-konvenuti jhallsu l-bilanc ta' Lm 9000 u l-imghax b'effett mit-18 ta' Marzu 2006.

"3) Skond l-ittra ufficjali tal-konvenut tad-19 ta' Novembru 2008 (DOK CB2 – fol 41) il-pretensjoni tal-attur kienet respinta ghax "kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt".

**“Ikkunsidrat –**

“Il-principju ewlieni tal-istatut tal-kuntratti huwa li *l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda. (*Qorti tal-Appell – **“Beacom et vs Spiteri Staines”** - 5 ta’ Ottubru 1998) –

“Dan premess - kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B’hekk il-gudikant ikun f’qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit-totalita’ tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet.

“Din il-Qorti tghid bhala punt ta’ dritt li l-piz tal-prova huwa mixhut fuq l-attur in kwantu l-konvenut jibqa’ assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Naturalment il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax dak l-oneru billi wasal biex jipprova l-legittimita’ tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati.

“Dan kollu jissarraf fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe’ li x-xjenza tal-fatt allegat, ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk ukoll ighid l-Art.562 tal-Kap.12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta’ dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata (**“Theuma vs Mercieca”** – Qorti tal-Appell – 20 ta’ Frar 1996 ; **“Fenech Clarke et vs Borg et”** – Qorti tal-Appell – 30 ta’ Mejju 1997 u **“Mizzi noe vs Borg et”** – Prim’Awla tal-Qorti Civili – 29 ta’ Settembru 2009)

**“Ikkunsidrat -**

“Ladarba bl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni, din il-Qorti se tippronunzja ruhha dwarha l-ewwel.

"Il-preskrizzjoni eccepita hija dik li tirrizulta fl-**<u>Art.2148(b) tal-Kap.16</u>** u taqra hekk –

*""l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut ...*
*"jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar."*

"Il-pern ta' din id-disposizzjoni huwa li dik il-preskrizzjoni tapplika **<u>biss</u>** fil-kaz ta' bejgh bl-imnut.

"Fil-bejgh *bl-imnut* huma nkluzi dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu <u>oggetti ta' konsum ta' kuljum</u> tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux (**<u>Vol.XLV.III.813</u>**). Dan ifisser li fil-kaz tal-Art.2148(b) il-ligi taghna thares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni per se mhux lejn il-kwalita' tal-persuni li jeffettwaw dak il-bejgh u cioe' jekk humiex abitwalment fil-kummerc jew le (**<u>Vol.XLVIII.II.959</u>**).

"Il-ligi taghna ma taghmilx distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa. Din id-distinzjoni evolviet permezz ta' l-gurisprudenza fejn kien stabbilit il-kriterju distintiv ewlieni bejn il-bejgh bl-imnut u l-bejgh bl-ingrossa. Infatti fejn il-prezz reklamat huwa ghal merce destinata biex terga' tinbiegh jew inkella biex tinhadem f'oggett iehor (**<u>Vol.XXIII.I.909</u>**) jew fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha fi kwantita' apprezzabbli, allura dak huwa bejgh bl-ingrossa (**<u>"Borg vs Bonello et noe et"</u>** <u>– Appell Civili – 22 ta' Gunju 1970</u>). Min-naha l-ohra il-bejjiegh bl-imnut *<u>vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro</u>* (**<u>Vol.XXI.III.235 ; Vol.XXI.I.406 u "Grech vs Spiteri et"</u>** <u>– Appell – 25 ta' Mejju 2001</u>).

"Dan premess, meta din il-Qorti tqis il-vendita de qua, taht l-ebda cirkostanza, ma jirrizultalha li dak in kwistjoni kien bejgh bl-imnut sabiex tista' tigi nvokata l-preskrizzjoni skond l-Art.2148(b) tal-Kap.16. Fil-kaz de quo, il-bejgh kien dak ta' vettura kummercjali li tintuza fil-gbir tal-iskart domestiku u fejn il-prezz patwit kien jinkludi l-kuntratti ghall-gbir ta' skart domestiku li kien jingarr minn dik il-vettura. Li allura jfisser li dan ma kienx il-kaz ta' bejgh ta'

oggett ta' konsum ta' kuljum jew oggett *che si vende per lo piu' a compratori e in piccole quantita' misurata al bisogno di costoro*.

"Il-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubbju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min ikun eccepixxa l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta' Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001)

"**Ghalhekk, tichad l-ewwel eccezzjoni**.

**"Ikkunsidrat -**

"Fit-tieni eccezzjoni, il-konvenuti eccepew ukoll in linea preliminari *in-nullita' tar-rikors guramentat peress illi ghalkemm l-attur huwa mizzewweg il-mara tieghu ma hijiex attrici flimkien mieghu f'din il-kawza.*

"Skond l-**Art.1322(1) tal-Kap.16** –

*""L-amministrazzjoni ordinarja ta' l-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga."*

"Sabiex l-attur ikun prekluz milli jharrek wahdu, irid jirrizulta li l-att tieghu mhux wiehed ta' amministrazzjoni ordinarja izda att ta' amministrazzjoni straordinarja fejn liema kaz iz-zewg konjugi jkunu jridu jharrku fimkien [Art.1322(2) tal-Kap.16]. Il-ligi stess fl-Art.1322(3) tal-Kap.16 telenka wiehed wiehed l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja. Il-lista hija esawrienti (*exhaustive*) li jfisser li jekk l-att koncernat mhux inkluz fl-elenku allura ma jikkwalifikax bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja. Il-presentata ta' kawza bhal dik tal-lum mhix inkluza fl-Art.1322(3). Ghalhekk l-att kien wiehed ta' amministrazzjoni ordinarja fejn allura l-attur seta' jagixxi

wahdu. Ghalhekk m'hemmx nullita' kif pretiz mill-konvenut.

"**<u>Ghalhekk tichad it-tieni eccezzjoni</u>**.

**"Ikkunsidrat -**

"Fit-tielet eccezzjoni taghhom, il-konvenuti jghidu li *l-attur ma onorax l-obbligu tieghu taht l-iskrittura tat-18 ta' Marzu 2003 illi jaghmel it-transfer tal-vettura u ghalhekk ... l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur.*

"Fil-paragrafu (c) ta' l-iskrittura tat-18 ta' Marzu 2003, il-venditur intrabat li jaghmel it-transfer fl-inqas zmien possibbli.

"Fl-atti akkwiziti, din il-Qorti ma sabet l-ebda prova fejn l-attur kien interpellat mill-konvenuti sabiex jaghmel it-transfer u rrifjuta. Li certament irrizulta minn dokumenti li ressqu l-konvenuti stess (minn fol 39 et seq) huwa li kien l-attur li pprezenta ittra ufficjali fis-7 ta' Novembru 2008 kontra l-konvenuti fejn ressaq kontrihom l-istess pretensjonijiet li qed jaghmel fil-kawza tal-lum mentri t-twegiba tal-konvenuti permezz tal-ittra ufficjali taghhom tad-19 ta' Novembru 2008 kienet xotta u generika ghall-ahhar minghajr ebda ghall-kwistjoni tat-transfer.

"Mid-dokument a fol 38, jirrizulta bhala fatt li transfer tal-vettura baqa' ma sarx izda dak assolutament mhux prova ta' inadempjenza da parti tal-attur <u>ghall-fini specifiku ta' din l-eccezzjoni</u>.

"**<u>Ghalhekk tichad it-tielet eccezzjoni</u>**.

**"Ikkunsidrat –**

"Fir-raba' eccezzjoni taghhom, il-konvenuti eccepew li *l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur peress illi l-bejgh in kwistjoni huwa null peress illi l-attur kien qieghed ibiegh hwejjeg illi jappartjenu lil haddiehor u dan skond ma jiddisponi l-artikolu 1372 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

“**L-Art.1372 tal-Kap.16** jaqra hekk –

*““Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 559, u tad-disposizzjonijiet dwar il-Monti kwantu ghar-rahan, il-bejgh ta’ haga ta’ haddiehor hu null :*
*“Izda dan il-bejgh jista’ jaghti lok ghall-hlas ta’ danni, jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-haga kienet ta’ haddiehor ;*
*“Izda wkoll, in-nullita’ ta’ dan il-bejgh ma tista’ qatt tigi opposta mill-bejjiegh.”*

“Meqjusa din id-disposizzjoni ghall-fatti tal-kaz in ezami, din il-Qorti tghid mill-ewwel li zewg proviso mhux applikabbli fl-ewwel lok ghaliex f’din il-kawza l-konvenuti ma ressqu l-ebda pretensjoni ta’ danni u fit-tieni lok ghaliex in-nullita’ qed tigi invokata mix-xerrejja. Mela l-kwistjoni ddur kollha ma’ jekk l-oggett ta’ l-bejgh mertu tal-iskrittura tat-18 ta’ Marzu 2003 bejn il-partijiet kienx tassew dak ta’ vettura li ma kenitx tappartjeni lill-attur izda lil haddiehor. Jekk dak huwa l-kaz, allura dak il-bejgh huwa null.

“Fis-sentenza ta’ din il-Qorti (PA/AM) tal-4 ta’ Gunju 1955 moghtija fil-kawza **“Mizzi noe vs Crowther”** kien inghad hekk dwar din id-disposizzjoni tal-ligi –

*““Dan il-bejgh huwa rexxindibbli ad istanza tax-xerrej, ghaliex huwa jista’ jkun suggett ghall-evizzjoni tal-haga mixtrija, u ghalhekk huwa jista’ jopponi n-nullita’ tal-bejgh jekk irid hu, u bhal fil-kazi l-ohra, huwa ghandu*
*anki d-dritt jezigi li l-kuntratt tal-bejgh jigi ezegwit. “Il compratore civile di cosa altrui” marret tirritjeni l-Qorti ta’ l-Appell ta’ Torin fil-5 ta’ April 1923 in re ‘Bogliaccino vs Traversa’ “ha sempre diritto di costringere il venditore a tenere fermo il contratto anche quando conosceva che la cosa era d’altrui” (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1459, s.163). Il-mala mede, jew ix-xjenza fil-kumpratur li l-haga kienet ta’ haddiehor, tipprekludieh biss milli jkun jista’ jitlob ir-rizarciment tad-danni, in forza tal-principju li ‘qui sua culpa damnum sentit non intelligitur damnum sentire’.”*

"Min-naha taghha din il-Qorti (PA/GCD) fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2004 fil-kawza **"Muscat vs Caruana"** qalet hekk b'riferenza ghall-artikolu tal-ligi de quo –

*""Ghalkemm il-ligi tghid illi l-bejgh hu null, madankollu, it-tieni proviso ... juri illi aktar milli nullita' radikali dan huwa kaz ta' annullabilita' relativa li jista' jinqeda biha x-xerrej biss."*

"Issa fl-affidavit tieghu a fol 76 tal-process, l-attur jaccetta li hu kien akkwista l-iscammel Nru. KAA 934 minghand Guzi Zammit izda t-transfer kien baqa' ma sarx.

"Mill-provi ma rrizultax li l-konvenuti kienu jafu li l-vettura ma kenitx registrata f'isem l-attur.

"Bhala fatt pero' jirrizulta mill-iskrittura a fol 9 li l-persuna li fuqu kienet l-ahhar registrata l-vettura (kienet min kienet) ma deherx fil-kuntratt bejn il-kontendenti.

"Skond DOK BF1 a fol 38 jirrizulta li sal-15 ta' Gunju 2009 il-vettura in kwistjoni kienet registrata f'isem Joseph Mary Debono ghal Waste Care Ent. Ltd. u li l-ahhar licenzja li thallset kienet valida sat-30 ta' Novembru 2002. F'dan id-dokument ma jirrizultax l-isem ta' l-attur, lanqas dak ta' Guzi Zammit li allegatament l-attur akkwista l-vettura minghandu.

"Il-punt tal-kwistjoni huwa dan : Il-fatt li l-vettura da qua ma kenitx registrata f'isem l-attur fid-data tal-iskrittura ta' bejgh u cioe' fit-18 ta' Marzu 2003 (ghax it-*transfer* favur tieghu kien baqa' ma sarx) dak il-bejgh jibqa' validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ?

"Saz-zmien meta dahal fis-sehh l-Att X tal-1994, kien hemm imposta taxxa tal-boll fuq it-trasferiment ta' vetturi ghall-fini tal-Kap.364. Dik it-taxxa kienet abbolita b'effett tal-istess Att X tal-1994.

"Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 1956 fil-kawza **"Falzon vs Tanti"** il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"“Kull bejgh ta’ motor car ghandu jsir bil-miktub ; ma jidhirx li jista’ jigi ritenut li din l-iskrittura hija biss rikjesta ghall-finijiet tal-boll, b’mod li l-assenza tal-iskrittura tista’ timporta biss kontravvenzjoni ghal-ligi fiskali bla ma ggib nullita’ tan-negozju relattiv. Si tratta minn formalita’ mhux semplicement “ad probationem” imma minn wahda “ad solemnitatem”.*

*“U allura huwa car li n-negozju ta’ motor car li sar bla skrittura mhux annullabbli biss, imma null u inezistenti “ipso jure” ; u si tratta ta’ nullita’ li ma hemmx bzonn ghaliha ta’ ebda dikjarazzjoni jew azzjoni “ad hoc” ...*

*“Lanqas jista’ jinghad illi bil-fatt tal-ezekuzzjoni tal-konvenzjoni permezz tal-konsenja tal-karozza giet sanata n-nullita’ tan-negozju ghaliex diversament kien ikun facli ghall-partijiet li jeludu disposizzjoni fisali ta’ ordni pubbliku ...”*

“Fil-kaz taht ezami, il-bejgh tal-vettura de qua bejn il-kontendenti sar bis-sahha tal-iskrittura tat-18 ta’ Marzu 2003. Ma jirrizultax pero’ li l-pussess tal-vettura de qua da parti tal-attur sehh bhala konsegwenza ta’ skrittura ma’ terzi. Li certament irrizulta kien li trasferiment ghall-fini tal-awtoritajiet civili baqa’ ma sarx fid-data tal-iskrittura tat-18 ta’ Marzu 2003. Din il-Qorti ghalhekk tiddubita serjament kemm saret skrittura ta’ bejgh bejn l-attur u terzi. Fi kwalunkwe kaz, prova ta’ dik ix-xorta kienet tispetta unikament lill-attur pero’ nonostante li l-attur kien ben konxju mill-eccezzjonijiet tal-konvenuti dik il-prova baqghet ma saritx probabilment ghaliex ma kienx hemm skrittura ta’ bejgh bejn l-attur u t-terzi bil-konsegwenza li l-attur ma seta’ qatt jiddefendi ruhu adegwatament kontra din l-eccezzjoni meta kien sprovvist minn bejgh validu favur tieghu minn terzi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

“**Fi kwalunkwe kaz, anke bhala stat ta’ ordni pubbliku, mhux accettabbli li jista’ qatt isir bejgh ta’ vettura, anke jekk bi skrittura privata, jekk qabel ma jkunx accertat skond dokumenti li l-venditur huwa l-**

**<u>licenzjarju ta' dik il-vettura mal-awtoritajiet kompetenti.</u>**

"**<u>Ghalhekk tilqa' r-raba' eccezzjoni</u>**.

**"Ikkunsidrat –**

"**<u>Fir-rigward tal-hames eccezzjoni, din il-Qorti tichad l-istess eccezzjoni</u>** stante li l-konvenuti ma gabu l-ebda prova li *l-vettura in kwistjoni llum giet distrutta minhabba hruq* kif allegaw fl-eccezzjoni taghhom. Fi kwalunkwe kaz, anke li kieku dak il-fatt kellu jkun accertat, ma ggustifikawx ruhhom adegwatament ta' kif dak kien jehles lill-konvenuti minn kull obbligu ta' hlas tal-prezz versu l-attur."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi fil-waqt li tikkonfermaha fil-parti taghha fejn irrespingiet l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti, tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu tirrigwarda n-nullita` tal-iskrittura privata ghall-bejgh tal-vettura mertu tal-kawza odjerna, u fit-tielet lok, tikkundanna lill-appellat ihallas l-appellant esponent il-kapital ta' €20,970 pendenti favur tieghu, bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-appellat."

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu fl-ewwel lok, illi:

"… … l-appell principali interpost mill-attur appellanti ghandu jigi michuda fl-intier tieghu bl-ispejjez kontra l-istess attur appellanti. In vista ta' dak kollu imsemmi fil-paragrafu 3.9 hawn fuq l-esponenti umilment jissottomettu illi l-appell interpost huwa kompletament frivolu u vessatorju u illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha serjament tikkunsidra tikkundanna lill-attur appellanti jhallas lill-esponenti l-ispejjez ghal darbtejn skond ma jiddisponi l-Artikolu 223(4) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta."

U, fit-tieni lok, talbu illi din il-Qorti joghgobha:

"… … tichad l-appell principali tal-attur appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu u tilqa' dan l-appell incidentali u konsegwentament tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi:

"1. fl-ewwel lok, tikkonfermaha in kwantu laqghet ir-raba' eccezzjoni tal-esponenti u iddikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-bejgh tal-vettura mertu ta' dina l-kawza, u cahdet it-talbiet tal-attur appellanti bl-ispejjez interament a kariku tal-istess appellant; u

"2. fit-tieni lok, tikkonfermaha in kwantu cahdet it-tieni u l-hames eccezzjoni imqajma mill-esponenti; u

"3. fit-tielet lok, billi thassarha u tirrevokaha in kwantu cahdet l-ewwel u t-tielet eccezzjoni imqajma mill-esponenti u minflok tilqa' l-imsemmija zewg eccezzjoni ta' preskrizzjoni u ta' *inademplendi non est ademplendum;*

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob il-hlas ta' vettura li biegh lill-konvenut f'Dicembru tal-2008. It-talba giet michuda mill-ewwel Qorti peress li rrizulta li l-bejgh sar a non domino, jigifieri minn persuna li ma kinitx is-sid tal-vettura. Skont l-Artikolu 1372 tal-Kodici Civili, il-bejgh ta' haga ta' haddiehor "hu null". Fil-fatt, jidher li l-vettura inkwistjoni kienet registrata fuq u tappartjeni lill-Waste Care Enterprises Ltd. Maz-zmien, il-vettura spiccat f'idejn certu Guzi Zammit u minghand dan ghaddiet ghall-idejn l-attur li ttrasferixxa l-istess lill-konvenut. L-ewwel Qorti qalet li l-vettura baqghet registrata fuq isem is-socjeta` Waste Care Enterprises Ltd, u qatt ma sar *transfer* tar-

registrazzjoni fuq ebda terz jew akwirent sussegwenti; la darba l-attur ma kienx “il-licenzjarju” tal-vettura, ma setax ibieghha lill-haddiehor u l-ftehim mal-konvenut kien, skont l-ewwel Qorti, null.

Minn din is-sentenza appella l-attur, u din il-Qorti tara’ li ghandha taqbel mal-ilment tal-attur. Tajjeb li jigi nnottat li t-trasferimenti tal-vettura f’dan il-kaz sehhew wara l-1993. Fil-fatt jirrizulta li sal-15 ta’ Gunju 2009, il-vettura inkwistjoni kienet registrata f’isem is-socjeta` Waste Care Enterprises Ltd, u l-ahhar licenzja li thallset kienet valida sat-30 ta’ Novembru 2002. Issemmiet is-sena 1993, peress sa dak iz-zmien kull bejgh ta’ vettura kellu, biex jitqies validu, jirrizulta bil-miktub u dan *ad solemnitatem,* kif osservat din il-Qorti fil-kawza **Falzon v. Tanti**, deciza fis-7 ta’ Dicembru 1956. Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Camilleri et v. Attard**, deciza fil-15 ta’ Lulju 2010, qalet hekk fuq dak ir-rekwizit (tal-kitba):

*“Illi għalkemm illum il-ġurnata l-liġi m’għadhiex tisħaq għall-formalita’ tal-kitba bħala element essenzjali u ad validitatem ta’ vettura bil-mutur, fiż-żmien li sar in-negozju bejn l-attur u l-imħarrek dan l-element kien meħtieġ. U hekk ukoll kienet għadha l-liġi meta l-attur radd lura l-vettura lill-imħarrek. Sakemm tneħħiet il-liġi partikolari fl-1993 (il-Kap 68 tal-Liġijiet ta’ Malta), trasferiment ta’ vettura bil-mutur li ma jkunx sar bil-miktub kien jitqies bħala negozju, mhux biss null, imma saħansitra wieħed ineżistenti għal kollox. Ftehim bħal dak ma kien joħloq l-ebda titolu f’min jieħu f’idejh verttura b’dak il-mod. Il-fatti kollha f’din il-kawża seħħew qabel l-1993.”*

F’dan il-kaz ma jirrizultax li l-allegati *transfers* sehhew qabel l-1993, tant li l-istess konvenut jaqbel li l-vettura kienet tas-socjeta` msemmija “sa min-nhar it-2 ta’ Ottubru 1997”; f’dan il-kaz kollox sehh wara din id-data.

La darba, meta saru t-*transfers* inkwistjoni, ma kinitx aktar mehtiega kitba, vettura, bhala haga mobbli, setghet tigi trasferita anke bi ftehim bil-fomm. Kwindi t-*transfers* li saru bil-fomm bejn Waste Care Enterprises Ltd, Guzi Zammit u l-attur ghandhom jitqiesu validi u li wasslu ghat-

trasferiment effettiv u reali tal-vettura lix-xerrej, anke fin-nuqqas ta' registrazzjoni ta' dawk it-*transfers.*

Kif jiddisponi l-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta), jekk vettura tinbiegh u dak li jkun ma jaghtix avviz lill-awtorita` kompetenti ta' dak il-bejgh jew trasferiment, il-persuna li fuqha kienet registrata l-vettura, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, "tibqa' soggetta ghad-dispozizzjonijiet ta' din l-ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura". In-nuqqas ta' registrazzjoni ma jfissirx li l-proprjeta` fil-vettura ma tkunx ghaddiet, izda biss izomm lill-persuna li fuqha kienet l-ahhar registrata l-vettura responsabbli ghad-disposizzjonijiet ta' <u>dik</u> il-ligi: izda mhux ghal aktar minn hekk. Fil-fatt, fil-kawza **Micallef v. Mamo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2010, intqal:

*"Dik tal-attur hija azzjoni ghal danni naxxenti minn culpa aquiliana. Apparti l-prova tal-htija, dak li jispetta lill-attur hija l-prova li kien hu li garrab id-danni. Mill-provi rrizulta li fl-14 ta' April 1989 (data tal-incident) il-vettura misjuqa mill-attur kienet <u>effettivament</u> tieghu, mhux ta' haddiehor, ghalkemm ma kienx ghadu sar it-transfer tal-vettura f'ismu. Il-fatt li t-transfer tal-vettura ma kienx ghadu sar ma ghandux ifisser li l-attur ma kienx is-sid tal-vettura u allura jeskludi lill-attur mid-dritt li jitlob risarciment ta' danni kontra l-awtur tal-fatt kolpuz. Dment li l-attur ipprova li kien hu ad eskluzjoni ta' haddiehor li garrab id-danni allura l-azzjoni tieghu tista' tipprocedi u ghaldaqstant ghandu locus standi f'din il-kawza. Li kieku d-difiza tal-konvenuti kellha tkun accettata, ikun ifisser li azzjoni ghal risarciment ta' danni tista' titressaq biss mir-registered owner tal-vettura, meta ikun jirrizulta li dan m'ghandux aktar interess fil-vettura ghax ikun iddispona minnha u allura ma jkunx garrab danni. Dan pero' mhux il-kaz, propju ghaliex l-azzjoni ghal danni ma ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni l-ohra dwar jekk min ibiegh u min jixtri vettura jkunux irregistraw it-transfer of ownership tal-vettura mal-awtoritajiet kompetenti. Jekk ma jsirx it-transfer, il-bejjiegh u x-xerrej ikunu kisru l-Motor Vehicle Regulations u jkunu passibbli ta' proceduri appositi*

*kontrihom ghaliex l-iskop tar-regolamenti huwa li jassiguraw li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli ghall-vettura registrata mal-awtoritajiet kompetenti biex tirrispondi skond il-ligi ghal dak li jigri bl-uzu tal-vettura. Ir-registrazzjoni u l-licenzja jistghu jkunu elementi ta' prova biex jigi determinat min huwa l-propjetarju ta' vettura pero' mhumiex prova esklussiva. Il-kwistjoni tat-transfer thalli mpregudikat id-dritt ta' azzjoni ghal danni spettanti lil min effettivament ikun garrabhom."*

It-*transfer of ownership* ta' vettura jista' jsir bi kwalunkwe mezz validu fil-ligi, u jekk, ghall-fini ta' dan il-kaz, jirrizulta li l-vettura inkwistjoni kienet tal-attur, allura huwa seta' validament jghaddi t-titolu ta' proprjeta` fuq l-istess lill-konvenut.

F'dan il-kaz, jista' jinghad li ma saritx prova tat-trasferimenti tal-vettura li sehhew wara l-1997. Dan jista' jkun minnu, pero`, la l-vettura kienet fil-pussess tal-attur, il-presunzjoni hi li dik hi tieghu, salv il-prova kuntrarja, li ma saritx f'dan il-kaz. L-Artikolu 525 tal-Kodici Civili jghid li l-prezunzjoni hija dejjem li kull persuna tipposjedi ghaliha nfisha *'u b'titolu ta' proprjeta`'*, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju. Isegwi li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-attur kellu jipprova li l-vettura ghaddiet ghall-idejh validament; la kellu l-pussess taghha, il-presunzjoni hi li dik il-vettura kien jipposjediha b'titolu ta' proprjeta`, u la ma saritx prova kuntrarja, il-vettura ghandha titqies li kienet tieghu u li allura seta' jbiegha, kif ghamel, lill-konvenut bil-kitba tat-18 ta' Marzu 2003.

Dak li ghadu kif inghad jinsab konfermat f'sentenza li tat il-Qorti t'Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kawza **Cassar v. Camilleri et** deciza fl-24 ta' Lulju 2009 u dan fis-sens li gej:

*"Skond l-Artikolu 525 tal-Kodici Civili, il-presunzjoni hi li* ***"... kull persuna tippossjedi ghaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjeta, meta ma jigix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna ohra."****. Hu evidenti li l-ligi tippresupponi l-ezistenza tal-pussess u tipprezumi li kull*

*wiehed jippossjedi ghalih innifsu u b'titolu ta' proprjeta'. F'dan ir-rigward il-gurista Pothier ighid: "Quantunque il possesso sia un fatto piuttosto che un diritto, tuttavia esso da' al possessore taluni diritti e azioni in rapporto alla cosa che egli possiede. Questi diritti risultano da una presunzione stabilita in favore del possessore che lo fa reputare proprietario della cosa che egli possiede, fno a che essa non e' reclamata dal proprietario, e anche a riguardo del vero proprietario che la reclamasse prima di avere giustificato il suo diritto.". Fil-fehma tal-qorti ma tressqux provi sodisfacenti li jistghu jwasslu sabiex tigi meghluba l-presunzjoni li jgawdi l-attur. Ghalkemm id-deposizzjoni ta' Martin Bajada tnissel dubju dwar kemm l-ambjenti in kwistjoni jifformaw parti mill-proprjeta tal-attur, pero' wahedha m'hijiex bizzejjed biex teghleb il-presunzjoni."*

Lanqas f'din il-kawza ma tressqu provi sodisdacenti li jistghu jwasslu sabiex tigi maghluba l-presunzjoni li jgawdi l-attur.

L-appell principali tal-attur ghandu, ghalhekk jintlaqa' ghax jirrizulta li l-bejgh inkwistjoni mhux null u dan ghax sar minn bejjiegh li kellu l-proprjeta` tal-istess vettura. Mill-premess, din il-Qorti tara' li mhux mehtieg tindaga fuq "l-appell" tal-attur marbut mad-digriet tal-ewwel Qorti tat-13 ta' Mejju 2009, li bih kienet michuda talba tal-attur biex iressaq bhala xhud, mhux dikjarat, lil Emmanuel Grixti. Apparti l-kwistjoni li ma jidhirx li tressaq appell formali minn dak id-digriet – kif tajjeb issottolinejaw il-konvenuti appellati – la darba l-appell principali tal-attur se jintlaqa', mhux mehtieg li, f'dan l-istadju, tinstemgha persuna ohra li taf bid-dettalji tat-transazzjoni bejn l-attur u l-konvenuti. Fuq kollox, jirrizulta li issa dan ix-xhud miet fil-mori tal-kawza.

Il-konvenuti ressqu appell incidentali fejn ilmentaw minn partijiet tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet taghhom ta' preskrizzjoni u ta' *inademplendi non est ademplendum.*

Il-preskrizzjoni eccepita hija dik ta' hmistax-il xahar ghall-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' oggetti jew hwejjeg

ohra mobbli mibjugha bl-imnut u dan ai termini tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fis-sens li n-negozju inkwistjoni ma kienx ta' bejgh ta' vettura sic et simpliciter. Dan l-artikolu jkopri l-prezz ta' oggetti ta' konsum ta' kuljum, u ma jirriferix fejn isir bejgh lil persuni li jaghmlu negozju mill-merce mibjugha. B'dan ma jfissirx li l-kriterju huwa korrelat mal-persuna, kummercjant jew le, involut fix-xiri (kriterju eskluz mil-ligi: ara **Micallef v. Mercieca**, deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Mejju 1967), izda ghax il-kriterju huwa, minflok, jekk il-bejgh sarx bl-imnut jew inkella bl-ingrossa, u bejgh bl-imnut jitqies hekk meta jkun hemm bejgh *"ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro"* – Kollez. Vol. XIII. 294. In-negozju f'dan il-kaz kien ta' indoli kummercjali, ghax il-konvenut ma xtarax biss il-vettura (scammel li jintuza fil-gbir tal-iskart domestiku), izda anke x-xoghol li kien marbut maghha. Fil-fatt, il-kuntratti marbuta mal-vettura daru ghal fuq isem il-konvenut minn fuq isem l-attur. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Fenech noe v. Camilleri**, deciza fit-18 ta' Jannar 1993, dak li jiddetermina n-natura tal-konsenja, cioe`, jekk huwiex bejgh bl-imnut jew bl-ingrossa, huwa *"in-negozju partikolari li jkun sar u partikolarment l-ammont involut".* In-negozju partikolari f'dan il-kaz, jeskludi li jitqies bhala "bejgh bl-imnut".

Kif qalet ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Barbara v. Schembri**, deciza fil-5 ta' Ottubru 2010:

*"Illi, fit-tieni lok, ma jidhirx li huwa l-każ li l-bejgħ mertu ta' din il-kawża jista' jitqies bħala bejgħ bl-imnut. Ġeneralment, biex wieħed jasal ħalli jiddetermina jekk bejgħ sarx bl-imnut inkella bl-ingrossa wieħed għandu jħares lejn il-bejgħ partikolari u l-għamla tiegħu*[1]*. Normalment, biex bejgħ jitqies bl-imnut, irid jidher li tali bejgħ kien wieħed magħmul lil konsumatur għall-użu personali tiegħu, filwaqt li, tradizzjonalment, il-bejgħ bl-imnut jingħaraf minn bejgħ bl-ingrossa billi f'dan tal-aħħar il-bejgħ isir lil xerrej li jkun sejjer jagħmel negozju bi jew minn fuq il-ħaġa mixtrija."*

[1] P.A. **25.4.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Delia noe vs Testaferrata Abela*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii.959**)

(Sottolinear ta’ din il-Qorti)

L-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2148(b) ghandha, ghalhekk, tigi michuda, kif giet mill-ewwel Qorti.

Fil-kuntest tal-aggravju tal-konvenuti marbut mat-tielet eccezzjoni, dik bazata fuq il-principju *inademplendi non est ademplendum,* qed jigi sottomess illi l-attur ma jistax jitlob il-hlas tal-oggett, meta hu stess naqas li jonora l-obbligu tieghu taht l-iskrittura tat-18 ta’ Marzu 2003 li jaghmel it-*transfer* tar-registrazzjoni tal-vettura. Din il-Qorti, pero`, ma tarax li ghandha tapplika dan il-principju f’dan il-kaz ghax m’ghandux ikun mistenni li l-attur jittrasferixxi l-vettura ghal fuq isem il-konvenut meta dan ma hallas xejn mill-kapital dovut bhala l-prezz. Kif qalet l-ewwel Qorti, l-attur qatt ma gie mitlub jersaq ghar-registrazzjoni tat-trasferiment, u meta l-konvenut ma hallas xejn mill-prezz tal-vettura, mhux mistenni li l-attur iwettaq l-obbligu tieghu meta l-konvenut ma wettaqx tieghu. Hekk, fil-kawza **Azzopardi v. Camilleri**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Ottubru 2011, il-Qorti qalet li l-atturi ma humiex mistennija li jaghtu l-kunsens taghhom fuq l-applikazzjonijiet li saru mal-awtoritajiet ghall-bdil tal-generu tan-negozju mill-fond inkwistjoni ladarba l-konvenuti kienu naqsu li jhallsu l-kera. Il-konvenuti f’dan il-kaz, setghu iddepozitaw il-prezz fil-Qorti biex jikkawtelaw l-interessi taghhom, pero`, meta huma naqsu milli jhallsu l-prezz tal-oggett, ma jistghux jippretendu illi l-attur wettaq l-obbligu tieghu biex il-vettura tkun registrata fuq isimhom.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-konvenuti billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell principali tal-attur billi tilqa’ l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn cahdet, l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti, tirrevokaha fejn laqghet ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti u cahdet it-talbiet attrici, u minflok tichad ukoll ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet tal-attur kif dedotti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk in prim istanza, jithallsu mill-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------